MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1057/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Jon Charles Seabrook**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Jon Charles Seabrook detentur tal-karta tal-identita bin-numru 372602L fejn ġie mixli talli

1. Fit-13 ta' Ottubru 2014 fil-fond 38/39 Triq il-Parroċċa, Ħaż-Żebbuġ, Malta u f'dawn il-Gżejjer sraqt Euro35 għad-dannu ta' Deborah Cassar liema serq huwa aggravate bil-persuna, bil-lok u bi ksur tal-Artikoli 261, 268 u 269 tal-Kodiċi Kriminali;
2. Fl-14 t'Ottubru 2014 fil-fond Bajada New Energy, Qasam Industrijali, Ħal-Luqa, Malta u f'dawn il-Gżejjer sraqt Euro25 għad-dannu ta' Emanuel Debono liema serq huwa aggravat bil-persuna bi ksur tal-Artikoli 261, 268 tal-Kodiċi Kriminali;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement xtrajt jew ilqajt għandek ħwejjeġ misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indħalt sabiex tbiegħhom jew tmexxihom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
4. Talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu permezz ta' sentenza datatat 24 ta' Jannar 2013;
5. Inoltre l-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tittratta mal-imputat bħala li huwa reċidiv fit-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 10 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li kien qiegħed jikkontesta t-tielet imputazzjoni bħala alternattiva għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat mill-Uffiċjal Prosekutur;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena senjatament lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara li :

(a) f'dan il-każ l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija u ammetta r-responsabbilta' tiegħu sa mill-bidu nett;
(b) li l-ammonti derubati kient ammonti żgħar ħafna ta' €25 u €35 u li dawn l-ammonti ġew imħalsin lura kollha;
(c) illi l-imputat għandu tarbija t'erba' xhur u huwa l-uniku persuna fil-familja tiegħu li għandu impjieg bi ħlas;
(d) illi l-Prosekuzzjoni ma kienetx qed tinsisti fuq piena karċerarja f'dan il-każ;

Id-Difiża minn naħa l-oħra starret li f'dan il-każ :

(a) l-imputat kien irreġistra ammissjoni bikrija;
(b) ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija;
(c) is-sejbien ta' ħtija precedent kien dwar każ li kien żgħir ħafna u li kien ġie riżarċit immedjatament.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi minkejja dak mistqarr mid-Difiża, donnu li l-imputat kien għadu ma tgħallimx sewwasew il-konsegwenzi t'egħmilu. F'dan il-każ, mingħajr ma tnaqqas mis-serjeta tal-azzjoni magħmula mill-imputat, mill-banda l-oħra hemm il-fatturi mitiganti li ġew spjegati li ser jittieħdu in konsiderazzjoni. L-ewwelnett ir-reċidiva imputata sejra tittieħed in konsiderazzjoni biss fir-rigward ta' dak dispost mill-Artikolu 25(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat diversi każijiet deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn kwistjonijiet simili gew dibattuti u decizi. Hekk per ezempju fil-każ : "Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly u Justin Farrugia" deċiża nhar id-9 t'Ottubru 2008, minkejja l-fatt li l-imputati kienu speċifikament mixlija li kkommettew ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Maġistrati, u li huma ammettew għall-istess imputazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati kienet qegħdithom taħt ordni ta' probation; filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkonfermat din l-ordni ta' probation fil-konfront ta' Rittmar Hatherly filwaqt li ħassritha fil-konfront ta' Justin Farrugia minħabba li dan wera biċ-car li ma riedx joqgħod għall-ordnijiet tal-Probation Officer assenjat lilu.

Prinċipju simili ġie ribadit aktar riċenti fil-kawża fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs Andrew Formosa" deċiża nhar l-20 ta' Mejju 2011 fejn il-Qorti tal-

Appell Kriminali iddeċidiet li tqiegħed lill-imputat taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin, minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati kienet mhux biss sabitu ħati, talli kienet ukoll applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Biss il-Qorti tal-Appell Kriminali ħasset li l-imputat, ukoll għar-ragunijiet imsemmija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża Hatherly hawn fuq imsemmija, kellu jibbenefika minn ordni ta' probation, minkejja dak misjub fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan il-każ partikolari, il-Qorti tqis li, għar-raġunijiet spjegati mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża, u f'dawn iċ-ċirkostanzi, piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja u li huwa fl-interess tal-Ġustizzja li dan l-imputat jiġi mogħti l-**aħħar ċans** li jibbenefika minn ordni ta' probation biex jerga jqum fuq saqajh. Din il-miżura qegħda tittieħed fid-dawl tal-fatt li l-imputat ammetta il-ħtija tiegħu fl-istadju l-aktar bikri tal-kawża, kif ukoll għaliex il-Qorti rat li l-vitmi ġew kompensati mill-imputat, u li fi kwalunkwe każ, l-ammonti involuti kienu żgħar ħafna, li l-imputat ma jidherx afflitt minn xi vizzju serju li jirrendih propens li jerġa jiddelinkwi, kif ukoll li r-reċidiva imputata hija ċirkoskritta b'dak dispost mill-Artikolu 25(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u li fl-aħħar mill-aħħar il-Prosekuzzjoni ikkonċediet li piena karċerarja ma kienetx waħda idoneja.

**Għaldaqstant** il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 261(d)(e), 268, 269 u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tikkunsidra t-tielet imputazzjoni bħala alternattiva għall-ewwel u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, qegħda ssib lill-imputat ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tiegħu.

Kwantu għall-piena, il-Qorti, filwaqt li għar-raġunijiet premessi tastjeni milli tipproċedi kontra l-imputat ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tqiegħed lill-imputat Jon Charles Seabrook taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' tlett (3) snin mill-llum soġġett għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti illum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' *probation* kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* tista tingħata sentenza għar-reati li

tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-*probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati sabiex ikun jista jibda jwettaq l-ordni tal-Qorti minnufih.

**Mogħtija illum id-19 ta' Diċembru 2014 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------